# Dun Gabriel Ellul (1670-ċ.1720) qassis minn Ħal Kirkop

**Horatio Caesar Roger Vella***

*Wara li fil-ktejjeb tas-sena l-oħra l-Professur Vella wasslilna tagħrif dettaljat dwar Dun Pankrazju Cafor qassis Koppi attiv fis-snin tat-twaqqif tal-Parroċċa Matriċi ta' San Leonardu fl-1592, din id-darba jmiss li jippreżentalna studju mirqum dwar qassis ieħor minn Ħal Kirkop bl-isem ta' Dun Gabriel Ellul.*

Dun Gabriel Ellul, bin Duminku u Tereża, twieled f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Ottubru, 1670, u tgħammed fis-17 tal-istess xahar.[1] Ħutu l-oħra kienu Ġwanni, li twieled u tgħammed fit-22 ta' Jannar, 1655;[2] Katerina, li twieldet u tgħammdet fit-3 ta' Jannar, 1658;[3] Marija, li twieldet u tgħammdet fis-6 ta' Awwissu, 1659;[4] Pietru Pawlu, li twieled u tgħammed fl-4 ta' Diċembru, 1661;[5] Grazzja, li twieldet u tgħammdet fis-27 ta' Marzu, 1664;[6] Sinforoża *sive* Ġeneroża, li twieldet u tgħammdet fl-14 ta' Jannar, 1666;[7] Marjetta (oħra), li twieldet u tgħammdet fit-2 ta' Frar, 1668,[8] u Ġużeppi, li twieled fl-24 ta' Novembru, 1669, u tgħammed jumejn wara.[9] B'hekk nafu li kienu aħwa disgħa, u li Dun Gabriel kien l-iżgħar.

Missier Dun Gabriel, Duminku, bin Gabriel u Marjetta, iżżewweġ lil Tereża (kunjomha mhux miġjub), bint Ġwanni u Marjetta, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-20 ta' Frar, 1650.[10] Jidher għalhekk li jekk ma damux madwar ħames snin biex ikollhom l-ewwel wild, setgħu kienu għall-ewwel jgħixu f'xi raħal ieħor. Fil-fatt, kunjomha kien Farrugia. Missierha, Ġwanni Farrugia, bin Orlandu u Antonina, minn Ħal Tarxien, iżżewweġ lil Marija Mangion, bint Bartilmew u Ġlorma, minn Ħal Kirkop, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-25 ta' Awwissu, 1630,[11] u għalhekk Tereża Farrugia, omm Dun Gabriel Ellul, kellha inqas minn 20 sena meta żżewġet. Missierha, Ġwanni Farrugia, miet żgħir, u għalhekk ommha, Marija, iżżewġet mill-ġdid lil Pietru Farrugia, bin Marku u armel ta' Iżabella, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-24 ta' Settembru, 1634,[12] meta Tereża Farrugia kienet għadha tarbija. Iżda Tereża Farrugia ma tgħammditx f'Ħal Kirkop: forsi f'Ħal Tarxien fejn kienu jgħixu Orlandu u Antonina Farrugia, in-nanniet tagħha.

Missier Dun Gabriel Ellul, Duminku, bin Gabriel u Marjetta, twieled u tgħammed f'Ħal Kirkop fis-27 ta' Settembru, 1626.[13] Kemm Duminku u kemm Tereża Ellul, kif ukoll binhom, Dun Gabriel, mietu f'Ħal Kirkop wara s-sena 1679, imma din il-parroċċa għandha r-reġistru tal-imwiet ta' wara dik is-sena mitluf.

L-antenati ta' Dun Gabriel Ellul kienu dawn:

Marku Spiteri

Duminku Ellul-Marjetta[14] Vinċenz Magro-Duminka Spiteri[15]

(Kirkop / Birmiftuħ) (Ħal Safi/Birmiftuħ)

Gabriel Ellul-Marjetta Magro[16] Orlandu Farrugia-Antonina

(L-Imqabba) (Ħal Tarxien)

Duminku Ellul[17]-Tereża Farrugia

(Ħal Kirkop)

**Dun Gabriel Ellul**

Il-familja tiegħi tiġi minn Dun Gabriel Ellul minn tal-inqas erba' darbiet, minn ommi, missieri, omm marti u missier marti kif ġej:

**Antenati Bartolo**

Jerome Vella (Kirkop) bin Horatio Vella (m. Vivienne Caruana, Żejtun) bin Frank Vella (m. Tessie Bartolo, Sliema), bint Ġużeppi Bartolo (m. Marija Attard, Sliema), bint Franġisku Saverju Attard (m. Tereża Vella, Naxxar), bin Ġwanni Attard (m. Marija Attard, Naxxar), bint Pietru Attard (m. Rose Stivala, Naxxar), bin Ġwanni Marija Attard (m. Duminka Vella, Naxxar), bin Pietru Attard (m. Anna Bonnici, Żebbuġ), bint Mikiel Bonnici (m. Marija Zahra, Żebbuġ), bin Alessandru Bonnici (m. Roża Ellul, Kirkop), bint Ġwanni Duminku Ellul (m. Elena, Kirkop), bin Valerju Ellul (m. Agata Grech, Kirkop), bin Gabriel Ellul (m. Marjetta Magro, Imqabba, nanniet ta' Dun Gabriel Ellul).

**Antenati Vella**

Jerome Vella (Kirkop), bin Horatio Vella (m. Vivienne Caruana, Żejtun), bin Frank Vella (m. Tessie Bartolo, Sliema), bin Ġwanni Battista Vella (m. Marija Konċetta Attard, Żejtun), bin Ġużeppi Vella (m. Marija Spiteri, Żejtun), bint Ġwanni Spiteri (m. Franġiska Azzopardi, Għaxaq), bin Ġużeppi Spiteri (m. Gejtana Abela, Żejtun), bin Alessandru Spiteri (m. Anna Zerafa, Żabbar), bin Ġwanni Pawlu Spiteri (m. Beninja Saliba, Imdina), bin Alessandru Spiteri (m. Katerina Cassar, Żabbar), bint Vinċenz Cassar (m. Speranza Callus, Żabbar), bint Ġwanni Callus (m. Duminka Paias, Żabbar), bin Pietru Callus (m. Speranza Guzman, Tarxien), bin Tumas Callus (m. Bernardina Ciantar, Żurrieq), bin Ġwanni Callus (m. Margerita Spiteri, Safi / Birmiftuħ), bint Marku Spiteri (Safi / Birmiftuħ, bużbużnannu ta' Dun Gabriel Ellul).

**Antenati Consiglio**

Jerome Vella (Kirkop), bin Horatio Vella (m. Vivienne Caruana, Żejtun), bint Pawlinu Caruana (m. Mary Consiglio, Żejtun), bint Joseph Consiglio (m. Verġinja Grasso, Tarxien), bint Emanuel Grasso (m. Lawrenza Pace, Cospicua), bint Feliċ Pace (m. Marija Chetcuti, Gudja), bint Franġisku Chetcuti (m. Anġla Muscat, Gudja), bint Stiefnu Muscat (m. Marija Galea, Gudja), bint Anġlu Galea (m. Franġiska Saverja Barbara, Gudja), bin Ġużeppi Galea (m. Ursla Farrugia, Luqa), bin

Tumas Galea (m. Marija Agius, Imqabba), bint Ġużeppi Agius (m. Anġelika Guzman, Imqabba), bin Karlu Agius (m. Grazzja Zammit, Imqabba), bint Ġwanni Marija Zammit (m. Ġovanna Mifsud, Imqabba), bin Duminku Zammit (m. Klemenza, Imqabba), bin Lawrenz Zammit (m. Vittorja Ellul, Imqabba / Birmiftuħ), bint Gabriel Ellul (nannu ta' Dun Gabriel Ellul, m. Ġovanella, Luqa / Birmiftuħ).

**Antenati Caruana**

Jerome Vella (Kirkop), bin Horatio Vella (m. Vivienne Caruana, Żejtun), bint Pawlinu Caruana (m. Mary Consiglio, Żejtun), bin Karlu Caruana (m. Verġinja Tabone, Żejtun), bint Antonju Tabone (m. Pawla Bonnici, Żejtun), bint Kalċidon Bonnici (m. Annunzjata Pisani, Tarxien), bint Pawlu Pisani (m. Eliżabbetta Abela, Tarxien), bint Ġwanni Abela (m. Roża Bonnici, Tarxien), bint Ġużeppi Bonnici (m. Eliżabbetta Azzopardi, Tarxien), bint Orazju Azzopardi (m. Anna Bianco, Tarxien), bint Franġisku Bianco (m. Iżabella Callus, Tarxien), bint Indrì Callus (m. Evanġelista Agius, Tarxien), bin Pietru Callus (m. Speranza Guzman, Tarxien), bin Tumas Callus (m. Bernardina Ciantar, Żurrieq), bin Ġwanni Callus (m. Margerita Spiteri, Safi / Birmiftuħ), bint Marku Spiteri (Safi / Birmiftuħ, bużbużnannu ta' Dun Gabriel Ellul).

Dun Gabriel għix f'Ħal Kirkop meta Kappillani kien hawn Dun Duminku Farrugia (1665-1701, Dun Ġakbu Murga (1702-1705), Dun Vinċenz Muscat (1706-1743) u forsi Dun Lawrenz Caruana (1743-1759). Fi żmienu, barra mill-Kappillan, kien hawn fir-raħal erba' qassisin (jidher li hu kien l-ikbar fosthom), u kjerku. Fl-1706, huwa ra l-Knisja Parrokkjali tiegħu ssirilha faċċata ġdida fi żmien il-Kappillan Ġakbu Murga.[18]

Dun Gabriel Ellul jissemma għall-ewwel darba fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel f'Ħal Kirkop fl-24 ta' Ġunju, 1699. Saċerdoti miegħu jissemmew Dun Duminku Farrugia, Kappillan, u Dun Paskal Farrugia, mhux mir-raħal. Barra minn dawn, jissemmew ukoll dawn il-Kjerċi, li wara saru saċerdoti: Lawrenz Caruana, Indrì Ellul u Ġwanni Pawlu Chircop. Jissemmew ukoll żewġ sagristani: Antonju Agnoti, sagristan tal-Knisja Parrokkjali, u Remiġju Dimech, sagristan tal-Lunzjata.[19] Dan Antonju Agnoti kien eżiljat (*profugus*) f'Ħal Kirkop. Miet madwar is-sena 1702, u ndifen f'wieħed miż-żewġ oqbra li kienu jinsabu fil-Knisja ta' San Nikola li dak iż-



***Attribwit lil Giuseppe d'Arena, L-Isqof Cocco Palmieri, kollezzjoni privata***



***Francesco Zahra, l-Isqof Ġakbu Cannaves, Palazz tal-Isqof, l-Imdina***



***Anonimu seklu 18, l-Isqof Girgor Mancini, Mużew Nazzjonali tal-Arti***

żmien kienet għadha teżisti fir-raħal kif tidħol mill-mina, fuq il-lemin.[20] Bla dubju, il-fdalijiet tiegħu u dawk li kienu midfuna f'dik il-knisja u fiċ-ċimiterju ta' magħha ttieħdu fil-Knisja Parrokkjali.

Dun Gabriel Ellul jissemma mbagħad bħala xhud fiż-żwieġ tat-12 ta' Frar, 1702, dak ta' bejn Duminku Magro, bin Kaspru u Marija, mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, u Kjara Grech, bint Xandru u Marija, minn Ħal Kirkop.[21]

Huwa jissemma fost il-kleru ta' Ħal Kirkop fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel f'Ħal Kirkop fl-1709. Il-kleru kien magħmul minn dawn il-qassisin: Kappillan Dun Vinċenz Muscat, Dun Gabriel Ellul, Dun Lawrenz Caruana, Dun Indrì Ellul, Dun Ġwanni Pawlu Chircop, u l-Kjerku Pietru Caruana. Jissemmew ukoll Antonja Farrugia, mart Alessandru, qabla, Marju Abela, sagristan tal-Knisja Parrokkjali, u Ġużeppi Caruana, sagristan tal-Lunzjata.[22]

Imbagħad jerġa' jissemma fil-Viżta Pastorali ta' bejn l-1 u t-3 ta' Ġunju, 1717, li l-Isqof Ġakbu Cannaves għamel f'Ħal Kirkop. Il-kleru kien magħmul mill-istess nies li jissemmew fl-1709, ħlief li flok il-Kjerku Pietru Caruana, jissemma l-Kjerku Tumas Callus. Jissemmew ukoll Sor Marija Tereża Ellul, li fis-seklu kienu jsejħulha "Marija ta' Żoċċa, tat-Terz Ordni ta' San Duminku, Duminka u Anna Formosa, aħwa, u Anna Psaila, tat-Terz Ordni tal-Kapuċċini.[23]

Jidher li Dun Gabriel Ellul miet qabel l-1723 meta l-Isqof Girgor Mancini għamel Viżta Pastorali f'Ħal Kirkop. Daninhar kienu jissemmew biss Dun Vinċenz Muscat, Kappillan, Dun Indrì Ellul, Dun Ġwanni Pawlu Chircop u d-Djaknu Dun Tumas Dalli. Magħhom jissemmew ukoll Antonja Farrugia, armla ta' Alessandru, qabla, Klement Mallia, sagristan tal-Knisja Parrokkjali, Mattew Saliba, sagristan tal-Knisja ta' San Nikola, Mawrizju Psaila, sagristan tal-Lunzjata, Sor Marija Ellul, u Duminka Formosa, Anna Psaila u Anna Marija Formosa, ukoll bħala sorijiet.[24] Dan ifisser li Dun Gabriel ma għix iktar minn 53 sena.

*Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

**Bibliografija:**

Arkivju Kurja Arċiveskovili, *Viżta Pastorali Cagliares* (1630).
Arkivju Kurja Arċiveskovili, *Viżta Pastorali Cocco Palmieri* (1709).
Arkivju Kurja Arċiveskovili, *Viżta Pastorali Cannaves* (1717).
Arkivju Parrokkjali Imqabba, *Liber matrimoniorum*.
Arkivju Parrokkjali Qormi, *Liber matrimoniorum*.
Vella, H.C.R. (2000). *al Kirkop u l-inawi ta' madwaru*. Vol. I. Malta, Stamperija tal-Università.
Vella, H.C.R. (2006a). *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn al Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reistri taż-żwiijiet, magmudijiet u mwiet f'Birmiftu u f'al Kirkop mill-1550 sal-1840*. Malta, Concept Communications Ltd.
Vella, H.C.R. (2006b). "It-tielet ċentinarju mit-tkabbir u l-bini mill-did tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' al Kirkop (1706-2006)", *Gaqda Mużikali San Leonardu – Kirkop, Festa 2006*, 139-147.

**Referenzi**

1 H.C.R. Vella (2006a), 126.
2 H.C.R. Vella (2006a), 127.
3 H.C.R. Vella (2006a), 128.
4 H.C.R. Vella (2006a), 129. Marija Ellul iżżewġet li Antonju Zahra, bin Ġlormu u Neżika, minn Cospicua, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-21 ta' Ġunju, 1681 (H.C.R. Vella {2006a}, 204).
5 H.C.R. Vella (2006a), 130. Pietru Pawlu *sive* Pietru Ellul iżżewweġ lil Marija Farrugia, bint Duminku u Alfonza, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fis-6 ta' Frar, 1687 (H.C.R. Vella {2006a}, 192).

[6] H.C.R. Vella (2006a), 127.

[7] H.C.R. Vella (2006a), 130. Ġeneroża Ellul iżżewġet lil Franġisku Dalli, bin Antonju u Marija, mill-Gudja, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-4 ta' Frar, 1686 (H.C.R. Vella {2006a}, 189).

[8] H.C.R. Vella (2006a), 129.

[9] H.C.R. Vella (2006a), 127.

[10] H.C.R. Vella (2006a), 96.

[11] H.C.R. Vella (2006a), 97.

[12] H.C.R. Vella (2006a), 98. Pietru Farrugia miet u ndifen f'Ħal Kirkop fil-15 ta' Lulju, 1663 (H.C.R. Vella {2006a}, 172).

[13] H.C.R. Vella (2006a), 126.

[14] Marjetta Ellul mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fid-19 ta' Ottubru, 1608, wara li kienet ġa tilfet lil żewġha (H.C.R. Vella {2006a}, 170. Fil-fatt, żewġha, Mastru Duminku Ellul miet u ndifen f'Ħal Kirkop fil-5 ta' Novembru, 1606 (H.C.R. Vella {2006a}, 168).

[15] Vinċenz Magro iżżewweġ lil Duminka Spiteri, bint Marku, fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fit-18 ta' Ġunju, 1570. Ix-xhieda kienu Franġisku Spiteri, raħeb, u Stiefnu Grech (H.C.R. Vella {2006a}, 31). Duminka Spiteri kienet oħt Margerita (ara Antenati Vella u Caruana, fuq) li iżżewġet lil Ġwanni Callus, bin Pietru, minn Ħal Safi, fid-19 ta' Jannar, 1561, fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ (H.C.R. Vella {2006a}, 28.

[16] Gabriel Ellul twieled fis-16 ta' Lulju, 1570, u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ mill-Viċi-Kappillan Bartilmew Mangion. Il-parrini tiegħu kienu Marjanu Cassar, Pietru Saccone u Ġwanni Pawlu Zammit (H.C.R. Vella {2006a}, 57). Huwa iżżewweġ lil Marjetta Magro, bint Vinċenz u Duminka Spiteri, fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba fit-18 ta' Jannar, 1604 (A.P.I., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Huwa kien armel ta' Ġovanella, minn Ħal Luqa (ara Antenati Consiglio, fuq), li kien iżżewwiġha fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fis-27 ta' Awwissu, 1595, meta x-xhieda kienu Marjanu Camilleri, Pietru Grima u Nikola Ellul (H.C.R. Vella {2006a}, 13). Huwa kien parti minn delegazzjoni li ltaqgħet mal-Isqof Cagliares fid-9 ta' Jannar, 1630, biex titolbu jwaqqa' il-Knisja ta' San Ġakbu f'Ħal Kirkop peress li ma kinietx aktar ikkurata, u sabiex jittrasferixxi dak li kien hemm fiha f'kappella li kellha tinbena fil-Knisja Parrokkjali. Fil-fatt, ftit wara, l-Isqof ordna li jsir hekk, u li jinbena salib flok il-knisja bħala sinjal li hemm kien hemm post sagru, waqt li jitħalla ċ-ċimiterju li kien hemm magħha (A. K. A., *V. P. Cagliares* {1630}, f.61v.). Marjetta Ellul, martu, mietet u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-22 ta' Frar, 1662, wara li kienet ġa tilfet lil żewġha (H.C.R. Vella {2006a}, 170). Fil-fatt, Gabriel, żewġha, miet u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-23 ta' Ottubru, 1644 (H.C.R. Vella {2006a}, 169). Ħut Gabriel Ellul tgħammdu fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ hekk: Agata (7 ta' Frar, 1563), Luqa (25 ta' Frar, 1565), Ġwanni Pawlu (11 ta' Mejju, 1567), Ġovanna (3 ta' Mejju, 1568), Grazzja (21 ta' Diċembru, 1572), Ġwanni Pawlu ieħor (20 ta' Frar, 1575), Marjetta (15 ta' April, 1577), Ġakbu (22 ta' Frar, 1579), Natal (27 ta' Diċembru, 1581), Pawla (15 ta' Jannar, 1584) u Grazzja oħra (7 ta' Ġunju, 1587) (H.C.R. Vella {2006a}, 53-59). Ħut Marjetta Magro kienu jinkludu lil Bartilmew li iżżewweġ lil Lawrenza Calleja, bint Ġwanni u Duminka Axisa, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi fid-19 ta' Ottubru, 1625 (A.P.Q., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[17] Ħut Duminku Ellul, u għalhekk zijiet ta' Dun Gabriel Ellul, kienu jinkludu lil Vittorja Ellul (ommha Ġovanella, u għalhekk hi kienet *half-sister*), residenti f'Ħal Luqa, li iżżewġet lil Lawrenz Zammit, bin salvu, mill-Imqabba, fid-dar tal-mibki Ġakbu Psaila, iz-ziju tagħha, fid-19 ta' Awwissu, 1621. Iċ-Ċelebrant kien Dun Marju Mallia, Kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ, waqt li x-xhieda kienu Franġisku Mallia, Ġulju Zammit u Mattew Falzon (H.C.R. Vella {2006a}, 25), kif ukoll lil Valerju Ellul (ommu Marjetta u għalhekk *full brother*), imwieled f'Ħal Kirkop u mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ fil-15 ta' Lulju, 1614 (H.C.R. Vella {2006a}, 59-60), u miżżewweġ lil Agata Grech, bint Duminku u Mattja Vella, imwielda f'Ħal Kirkop fis-17 ta' April, 1622 (H.C.R. Vella {2006a}, 139).

[18] H.C.R. Vella (2006b), 139-147.

[19] A.K.A., V.P. *Cocco Palmieri* (1699), f.242. Hawnhekk wieħekk jinnota li r-referenza lejn il-Knisja tal-Assunta fir-rapport kienet żbaljata għal dik tal-Lunzjata. Sa dak iż-żmien, il-knisja li kellna ddedikata lill-Assunta, imlaqqma "Ta' Pinu", kienet ġa ġiet ipprofanata (H.C.R. Vella {2000}, 126-127).

[20] A.K.A., *V.P. Cannaves* (1717), f.953v.-f.954, u H.C.R. Vella (2000), 125-126.

[21] H.C.R. Vella (2006a), 197 u 300.

[22] A.K.A., *V. P. Cocco Palmieri* (1709), f.158.

[23] A.K.A., *V.P. Cannaves* (1717), f.941, u f.955-955v.

[24] A.K.A., *V.P. Mancini* (1723), ff.375-376.